**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**22/18**

**Minuti tat-tnejn u għoxrin (22) Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar t-Tnejn 11 ta' Ġunju, 2012 fil-6.00 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier (wasslet fis-6.50 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti** | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier (ittre, li se jasal tard imma baqa' ma attendiex mingħajr avviż) |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, li ser jiżżewweġ) |
| **Mistiedna** | Is-Sinj Romina Perici Ferrante | - | Accountant |

**Aġenda:**

1 Talba
2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti - Il-minuti tal-laqgħat : 20/18 (22/12/2011); 1/18 (6/1/2012); 2/18 u 3/18 b'urġenza (19/1/2012); 4/18 u 5/18 b'urġenza (8/2/2012); 6/18 u 7/18 b'urġenza (16/2/2012); 8/18 u 9/18 b'urġenza (20/2/2012); 10/18 (23/2/2012); 11/18 u 12/18 b'urġenza (8/3/2012); 13/18 u 14/18 b'urġenza (14/3/2012); 15/18 u 16/18 b'urġenza (20/3/2012); 17/18 Laqgħa Pubblika (24/3/2012); 18/18 (24/4/2012); 19/18 u 20/18 b'urġenza (27/4/2012) u 21/18 (16/5/2012).
3 Punti li joħorgu mill-minuti.
*4 Schedule of Payment.*
5 Kommunikazzjoni mis-Sindku.
6 Mozzjoni *Day Centre.*
7 Aġġornament.

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija.

1 Il-kunsillieri qablu unanimament li peress li s-Sur Bugeja kien ghadu kif jiżżewweġ il-ġurnata ta' qabel, kellu jiġi skużat milli jattendi. Voti – 4 li s-Sur Bugeja jigi assenti/skużat.

2 ***Laqgħa 18/17 bid-data 22 ta' Diċembru 2011***

2.1 Punt 2.7 biex tinbidel il-kelma sena għal sengħa.

2.2 Punt 2.45 biex l-Aġent Segretarju Eżekuttiv (ASE) tikkonferma din il-figura ta' €200,000 mal-*accountan*t għax hemm żball fiċ-ċifra.

2.3 Il-kumplament tal-minuti huma korretti u ġew approvati.

3 ***Laqgħa 1/18 bid-data 6 ta' Jannar 2012***

3.1 Is-Sindku spjega li għall-benefiċċju tal-Awditur meta ikun hemm kunsillier assenti jew assenti u skużat importanti li waqt dik il-laqgha, l-kumplament tal-Kunsillieri jaqblu fuq kif ġew indikati l-kunsillieri assenti jew assenti u skużati. Fil-fatt f'din il-laqgħa, is-Sur Bugeja ma kienx avża li ma jistax jattendi u allura se jitniżżel bħala assenti.

3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx korrezzjoni għall-minuti jew xi materja imqajma mill-minuti u ħadd ma kellu xejn. Il-minuti ġew approvati.

4 ***Laqgħa 2/18 bid-data 19 ta' Jannar 2012***

4.1 Is-Sindku staqsa jekk hemmx korrezzjoni għall-minuti jew xi materja imqajma mill-minuti u ħadd ma kellu xejn. Il-minuti ġew approvati.

5 ***Laqgħa 3/18 bid-data 19 ta' Jannar 2012***

5.1 Materja mqajma mill-minuti: Is-Sur Sultana staqsa dwar il-flus li l-Kunsill kien ħa mingħand il-MITA. Huwa żied jgħid li kellu jissejjaħ *CSR* – in-naħa tal-*Iceberg*. Huwa staqsa x'ser isir minnu dak il-proġett li kien ser isir?

5.2 Is-Sindku wieġeb li kien seħħ ftehiem li l-flus jintużaw għall-Misraħ Santa Venera. Is-Sur Anastasi fakkar li din kient diġa' diskussa f'laqgħa oħra. Is-sena l-oħra fi żmien l-eks ASE is-Sur JM Formosa, is-somma ġiet ivvutata għall-PPP. L-*Accountant* is-Sinj Perici Ferrante kienet semmietha wkoll, li mnalla li wasal iċ-ċekk fil-hin għax b'hekk il-Kunsill seta' jkompli bl-iskeda tal-PPP.

5.3 Is-Sur Sultana staqsa jekk ġiex iffirmat xi kuntratt?

5.4 Is-Sindku stqarr lis-Sur Sultana kien qal '*minn ser jagħtik il-flus bla skrittura?*' u fil-fatt, is-€47,000 ġew u marru għall-PPP. Is-Sindku qal li l-karti li kienu bgħatulhom kien ressaqom is-Sur Formosa fuq il-mejda u lis-Sindku m'għandu xejn iżjed.

6 ***Laqgħa 4/18 bid-data 8 ta' Frar 2012***

6.1 L-ASE irid jirranġa n-numru tal-laqgħa. In-numru korrett huwa 4/18 u mhux 4/2012.

6.2 Ġie kkonfermat li l-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa kien assenti għall-din il-laqgħa peress li ma bagħtx notifikazzjoni minn qabel.

6.3 Punt 2.3 – Is-Sur Sultana stqarr li ġie kkwotat ħażin peress li huwa kontra il-proġett tal-PPP u mhux kontra li jsiru t-toroq. Il-minuta għandha tiġi rranġata biex tirrefletti dan.

***7 Laqgħa 5/18 bid-data 8 ta' Frar 2012***

7.1 Din il-laqgħa ma saritx peress li ma kienx hemm kworum.

7.2 Saret diskussjoni fuq l-attendenzi u fuq ir-rikorder.

7.3 Is-Sur Sultana semma l-każ tal-attendenza tiegħu u fuq ir-risposta tal-Bord tal-Governanza u li huwa għadu qiegħed jistenna li jitħallas ta' dawk il-laqgħat li nqatgħu favurih. Is-Sindku wieġeb li s-Sur Sultana fehem ħażin u ma setax jitħallas la ma nfurmax lill-Aġent Segretarju fil-ħin li suppost li bgħatt l-ittre.

7.4.1 Hawnhekk wasslet il-Kunsilliera s-Sinj Mariella Micallef fis-6.50 ta' filgħaxija.

***8 Laqgħa 6/18 bid-data 16 ta' Frar 2012***

8.1 Hawnhekk il-Kunsillieri s-Sur Sultana u s-Sur Edwin Formosa oġġezzjonaw li huma kienu preżenti għal din il-laqgħa nru. 6/18 imma, peress lis-Sur Formosa talab sospensjoni u s-Sindku kien spjegalu li l-laqgha kienet b'urġenza u jiġi diskuss materja waħda skont l-Agenda, s-Sur Formosa ma setax jiddiskuti xi ħaġa oħra. Allura kien ġie deċiż li peress li l-laqgħa kienet għada ma bdietx u li kemm is-Sur Formosa u b'solidarjeta' telqu warajh is-Sur Sultana u s-Sur Bugeja, qabel ma bdiet il-laqgħa, dawn kienu tniżżlu bħala assenti u mhux skużati. Hawnhekk is-Sur Sultana qal li huwa ser jikteb lid-Dipartiment u wara diskussjoni, s-Sur Sultana u s-Sur Formosa qamu minn mal-mejda fis-7.01 ta' filgħaxija għax ma aċċettawx li ġew imniżżla bħala assenti u fejn huma qed isostnu li l-laqgħa tas-16 ta' Frar kienet diġa' bdiet meta s-Sur Formosa talab għas-sospenzjoni tal-laqgħa.

9 Hawnhekk wasslet l-Accountant is-Sinj Romina Perici Ferrante fis-7.01 ta' filgħaxija.

10 Il-laqgħa spiċċat bla kworum fis-7.01 ta' filgħaxija.

11 Is-Sur Sultana u s-Sur Formosa kienu għadhom fil-bini tal-Kunsill Lokali sas-7.30 ta' filgħaxija imam, huma kienu telqu mill-kamra fejn saret il-laqgħa fis-7.01 ta' filgħaxija.

12 Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 18 ta' Ġunju fil-5.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, 10 ta' Settembru 2012